# Ir-Reklutaġġ issa hu miftuħ għall-Kumitat il-ġdid Konsultattiv għall-Persuni Anzjani ta’ Victoria (Senior Victorians Advisory Committee)

| | |
|---|---|
| **It-titlu tal-pożizzjoni:** | Membru/Chairperson tal-Kumitat |
| **In-Numru tal-Pożizzjoni:** | DFFH/1792737 |
| **Dettalji tal-pożizzjoni:** | Hemm pożizzjoni għal Chairperson wieħed u sa 12 il-pożizzjoni għall-membri tal-Kumitat |
| **Tip ta' impjieg:** | Sessjonali |
| **Salarju:** | Pagament skont *il-Linji Gwida tal-Ħatra u tar-Remunerazzjoni tal-Gvern ta' Victoria* għall-organizzazzjoni tal-Grupp Ċ, Faxxa 2 (b) |
| **Il-post fejn wieħed ser jaħdem normalment:** | Wieħed jista' jagħżel li jattendi remotament/dial in jew personalment għal kull laqgħa tal-Kumitat (Greater Melbourne) |
| **Il-perjodu tal-impjieg:** | Perjodu fiss, sa 3 snin |
| **Kuntatt rigward il-pożizzjoni:** | Grace Cooper, seniorsprojects@dffh.vic.gov.au |

Il-Ministru tal-Anzjanità, Ingrid Stitt MP, qed twaqqaf kumitat konsultattiv ġdid, biex jisma' direttament minn persuni anzjani dwar l-esperjenzi tagħhom.

Il-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni Anzjani ta’ Victoria ser jiffoka fuq:

- l-għoti ta' vuċi tal-komunità lill-gvern billi jenfasizza l-esperjenzi li jgħixu l-anzjani
- li jqajjem kuxjenza ta' kontribuzzjonijiet pożittivi mill-anzjani
- li jippromwovi d-drittijiet u r-rispett għall-persuni anzjani.

**Kriterji prinċipali tal-għażla**

Il-membri jridu jkunu bbażati ġo Victoria. Il-membri ser jiġu magħżula skont l-esperjenza individwali, u mhux bħala rappreżentanti ta' organizzazzjoni.

**Kwalitajiet Personali:**

1) Onestà
2) Empatija u li wieħed jifhem lill ħaddieħor
3) Kapaċità li taħdem mal-oħrajn

**Kriterji prinċipali għall-membri:**

1) Abbilità li taħseb u taġixxi fuq kwistjonijiet importanti biex jintlaħaq riżultat pożittiv għall-persuni anzjani
2) Ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni u l-kapaċità li tagħti parir
3) Esperjenza li taħdem ma' oħrajn f'kumitati u/jew fi gruppi.

**Kriterji prinċipali għaċ-Chairperson:**

1) Esperjenza fit-tmexxija
2) Kapaċità li wieħed jasal għal ftehim ma' oħrajn

Persuni li għalqu 60 sena u akbar, u persuni tal-Ewwel Nazzjonijiet ta' 50 sena u akbar, jistgħu japplikaw biex jingħaqdu mal-Kumitat.

Għal aktar tagħrif u biex tapplika żur: www.seniorsonline.vic.gov.au/advisory-committee.